**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 26 ta' Frar 2020**

Numru 9

**Rikors Guramentat Nru. 1179/2019**

**Melita Limited**

**vs**

**Streamcast Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-10 ta' Dicembru 2019 li jghid hekk:

1. Is-socjeta rikorrenti pprovdiet lis-socjeta Streamcast Limited b'servizzi u apparat relatat mal-qasam tat-teknologija u telekomunikazzjoni u dan skont ftehim intestat "Framework Services Agreement' iffirmat bejn il-partijiet fil-5 ta' April 2018 ("Service Agreement'), hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Is-socjeta intimata iddekadiet minn diversi pagamenti dovuti lil Melita Limited skont is-Service Agreement u konsegwentement Melita Limited baghtet Notice of material breach skont klawzola numru 6.3 tas-Service Agreement annessa u mmarkata bhala Dok. B izda madanakollu, il-hlas pretiz ma sarx;

3. Wara li s-socjet' intimata baqghet indampjenti, Melita Limited bdiet il-procedura ta' Dispute Resolution Process skont klawzola 14 tas-Service Agreement. Fl-isfond ta' dawn id-diskussjonijiet, il-partijiet iffirmaw Repayment Agreement datat 4 ta' Settembru 2019 (il-"Kuntratt"), hawn anness u mmarkat bhala Dok. C, permezz ta' liema s-socjeta intimata rrikonoxxiet id-dejn u ikkostitwiet lilha nfisha bhala debitrici ta' Melita Limited fl-ammonti segwenti:
(a) €290,388 (mitejn u disghin elf tliet mija u tmienja u tmenin ewro) rapprezentanti ammonti dovuti skont is-Service Agreement u
(b) €4,235.29 (erbat elef mitejn u hamsa u tletin ewro u disgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti bilanc dovut ghal servizzi ohra pprovduti minn Melita Limited b'rabta mal-account numru 101183566;

4. L-ammonti, skont il-Kuntratt kellhom jithallsu kif gej:
(a) €96,796 (sitta u disghin elf seba' mija u sitta u disghin ewro) fil-5 ta' Settembru 2019
(b) €96,796 (sitta u disghin elf seba' mija u sitta u disghin ewro) fl-1 ta' Ottubru 2019
(c) €96,796 (sitta u disghin elf seba' mija u sitta u disghin ewro) fl- ta' Novembru 2019
(d) €4,235.29 (erbat elef mitejn u hamsa u tletin ewro u disgha u ghoxrin centezmu) fl-1 ta' Dicembru 2019;

5. Nonostante li s-socjeta intimata ffirmat dan il-Kuntratt u obbligat ruhha li thallas l-ammonti suesposti kif miftiehem, is-socjeta intimata baqghet qatt ma hallset l-ebda parti mill-ammonti dovuti;

6. Fil-fatt, minkejja diversi talbiet ghall-hlas u diversi weghdiet li l-hlas sejjer isir, sallum il-hlas baqa' ma sarx;

7. Ghaldaqstant l-ammont ta' €294,623.29 (mitejn erbgha u disghin elf, sitt mija tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu) huwa wiehed cert, likwidu u li ghalaq u li ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta' fatt;

8. Fil-fehma tas-socjeta rikorrenti, u skond sa fejn taf l-istess socjeta, is-socjeta intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq ghal din it-talba;

9. Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

i. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tas-socjeta rikorrenti b'dispensa tas-smigh tal-kawia ai termini tal-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Tiddikjara lis-socjeta intimata debitrici favur is-socjet' Melita Limited ghas-somma ta' €294,623.29 u dan oltre imghaxijiet skont il-ligi sad-data tal-pagament effettiv; u

iii. Tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €294,623.29 u dan oltre imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

BI-ispejjez kontra s-socjeta intimata li hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni. B'rizerva ukoll ghal kwalunkwe azzjoni ohra u/jew rimedju iehor, inkluz ghad-danni, li huma spettanti lil Melita Limited ai termini tas-Service Agreement u/jew tal-Kuntratt partikolarment ghal dak li jirrigwarda l-apparat tal-Melita Limited li ghadu fil-pussess tas-socjeta intimata u kwalunkwe talba ghall-hlas ta' penali.

Ghal kull bwon fini qed tigi annessa traduzzjoni ghall-Ingliz ta' dan ir-rikors guramentat u tal-affidavit ta' Lee-Anne Buhagiar

Rat l-atti kollha u dokumenti esebiti;

Rat li la s-socjeta konvenuta, debitament notifikata, u ma deher hadd u anqas id-difensur taghha ma deher biex jiddefendu ruhhom mill-pretensjonijiet attrici;

Semghet ix-xhieda bil-gurament Emily Abela rapprezentanta tas-socjeta attrici fejn bil-gurament taghha ikkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut u ma sar ebda hlas sallum kif jidher mid-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ippruvati permezz tad-dokumenti esebiti u ma saret ebda oppozizzjoni valida, il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' mitejn erbgha u disghin elf, sitt mija tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€294,623.29), rapprezentanti servizzi u apparat relatati mal-qasam tat-teknologija u telekomunikazzjoni moghtija lill-istess socjeta konvenuta kif intestati fis-Service Agreement anness mar-rikors promotur, bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur